# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 7 ta' Marzu, 2022.**

**Numru 9**

**Rikors numru 143/13/1 JRM**

**Mario Pace**

**v.**

**Anthony u Edna konjuġi Mizzi; u Dr. Noel Bartolo u l-Prokuratur Legali Peter Paul Zammit, li b'digriet tal-5 ta' Marzu 2013 ġew maħtura bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Terence Gialanze u b'digriet tad-19 ta' Ottubru, 2021 Dr. Noel Bartolo ġie sostitwit b'Dr. Mark Anthony Mifsud Cutajar**

1. B'rikors preżentat fl-10 ta' Jannar 2022 l-attur talab lil din il-Qorti sabiex teħilsu mill-obbligu li jiddepożita l-kawtela fl-ammont ta' €2,874 (dritt reġistru) u €5,644 (dritt avukat u prokuratur legali), total ta' €8,518. Dan b'referenza għall-appell li ppreżenta fil-11 ta' Ottubru 2021 mis-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim' Awla tat-22 ta' Settembru 2021.

2. Il-kawża titratta dwar kuntratt pubbliku tad-9 ta' Novembru 2011 li l-attur iffirma bħala garanti tal-konvenut Gialanze għal dejn ta' €100,000 li għandu mal-konvenuti Mizzi. L-attur jallega li dak il-kuntratt hu bażat fuq kawża illeċita` għaliex fih l-użura. Għalhekk talab lill-Qorti sabiex:-

> *"(i) Tiddikjara u tiddeċiedi li l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu ffirmat mir-rikorrenti bħala garanti, datat 9 ta' Novembru 2011 (Dok. A) huwa null u bla effett, stante li huwa bażat fuq kawża illeċita;*
>
> *(ii) Tordna għalhekk li l-istess kuntratt jiġi rexxis għal finijiet u effetti kollha tal-Liġi;*
>
> *(iii) Tinnomina Nutar sabiex jirċievi l-opportun att ta' rexxissjoin, u kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil eventwali kontumaċi f'dan l-att, filwaqt li tippreferiġġi l-jum, ħin u lok għal pubblikazzjoni tal-imsemmi att".*

3. Fis-seduta tas-7 ta' Frar 2022 li saret quddiem din il-Qorti, xehed John Zammit mill-Caritas u l-attur. Mid-depożizzjoni tal-attur jirriżulta li m'għandux il-likwidita` sabiex jiddepożita dik is-somma flus bħala garanzija għall-ispejjeż tal-appell li ppreżenta. L-istess mid-dokument li ppreżenta John Zammit.

4. Bħala immobbli jidher li l-attur għandu biss id-dar fejn jgħix. Il-liġi ma tagħtix lill-appellant l-opportunita` li joffri immobbli bħala garanzija għall-kawtela tal-ispejjeż ġudizzjarji li jkun intalab jagħti biex ikopri l-ispejjeż tal-appell. Għalkemm il-liġi tikkontempla l-possibbilta` li l-appellant jagħti l-garanzija għall-ispejjeż permezz ta' garanzija bankarja u għalkemm ma rriżultax jekk l-appellant talabx bank lokali joħroġlu garanzija għas-somma fuq imsemmija, mill-provi ma jidhirx li kieku għamel it-talba x'aktarx kien jingħata garanzija fl-ammont ta' €8,518. Dan

iktar u iktar meta rriżulta li l-uniku ntrojtu li għandu l-attur hu l-benefiċċju soċjali u ma jirriżultax li għandu qligħ ieħor.

5. Hu veru li l-attur seta' jitlob biex jingħata l-għajnuna legali. Fil-fatt mill-atti jirriżulta li fil-bidu tal-kawża kienet qiegħda tassistih avukat mill-uffiċċju tal-għajnuna legali. Imbagħad meta kienu għadhom ma bdewx jinġabru l-provi, l-attur inkariga avukat ta' fiduċja tiegħu. Fl-appell qiegħed issa jiġi assistit minn avukat ieħor li għażel hu. Madankollu dawk il-fatti m'għandhom l-ebda konsegwenza negattiva fuq it-talba tiegħu sabiex ma jagħtix il-garanzija għall-ispejjeż tal-appell.

6. Dak li trid tara l-Qorti hu jekk il-qagħda finanzjarja tippermettilux li jiddepożita s-somma ta' €8,518. Minn dak li semgħet fis-seduta tas-7 ta' Frar 2022 il-Qorti hi sodisfatta li l-attur ma jirnexxilux iġib il-garanzija mitluba mir-Reġistratur.

7. Għal dak li jirrigwarda l-*probabilis causa litigandi*, mir-rikors tal-appell hu evidenti li l-aggravju prinċipali tal-attur hu dwar l-apprezzament tal-provi li għamlet l-ewwel Qorti. L-ewwel Qorti kkonkludiet li:

i. Meta tikkonsidra l-provi li ressqu l-partijiet ma tistax toqgħod fuq l-allegazzjoni tal-attur li hemm l-użura fis-somma li Gialanze obbliga ruħu li jħallas lil Mizzi.

ii. Ma tistax toqgħod għal kollox fuq il-verżjoni li ta l-kreditur, u kkonkludiet li parti mis-somma ta' €100,000 tħallset mid-debitur, iżda baqa' bilanċ favur il-konvenuti Mizzi *".... kif tixhed id-dikjarazzjoni tat-22 ta' Ottubru 2012, li għalih irid jagħmel tajjeb l-attur bħala garanti"*.

8. L-attur isostni li hemm diversi indizji li kellhom iwasslu lill-ewwel Qorti biex tikkonkludi li fil-kuntratt pubblikat fid-9 ta' Novembru 2011 li bih il-konvenut Gialanze ddikjara li hu debitur tal-konjuġi Mizzi fis-somma ta' €100,000, fih element qawwi ta' użura. F'dak il-kuntratt l-attur deher bħala garanti solidali tad-debitur Gialanze u fih jingħad li dik is-somma *".... was provided to the debtor on a date prior to today for his business commitments"*.

9. Il-konvenuti Mizzi ddefendew ruħhom billi fil-mertu taw eċċezzjoni li s-somma ta' flus li tissemma fil-kuntratt, *"2....... ġie mogħti b'self mill-esponenti lill-intimat Terence Gialanze għall-iskopijiet tan-negozju tiegħu ta' importazzjoni ta' prodotti ta' detergents, fost oħrajn"* (fol. 26). Meta Mizzi xehed in subizzjoni fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2014, qal li ma kienx self. Mistoqsi x'kien wieġeb, *".... sa nagħmlu xi ħaġa flimkien, tajjeb u l-qligħ tal-affarijiet jinqasam" (fol. 146).* Spjega wkoll li, kellu jitħallas is-somma ta' €100,000 bejn flus li ta lil Gialanze u qligħ fuq investiment u li talab lil Gialanze jagħtih garanzija biex tkopri d-dejn, liema garanzija

ngħatat mill-attur. L-attur għamel ukoll referenza għall-iskrittura li Mizzi u Gialanze ffirmaw fit-22 ta' Ottubru 2012 ftit ġranet qabel l-att li bih l-attur iggarantixxa d-dejn ta' Gialanze, u li fiha jingħad li sal-aħħar ta' Ottubru 2012 Gialanze hu debitur ta' Mizzi fl-ammont ta' €44,000 fir-rigward ta' *'business venture'*. Mizzi xehed li d-dejn li kien fadal kien €44,000 *".... barra l-kapital li jiena kelli garantit bil-proprjeta ta' Mr Pace"*.

10. L-eżitu tal-appell jiddependi prinċipalment minn apprezzament tal-provi li din il-Qorti bilfors trid tagħmel. Eżerċizzju li ovvjament ma jistax isir f'dan l-istadju meta mhuwiex ser jiġi deċiż il-mertu tal-appell tal-attur. Wara li l-Qorti rat l-atti hi konvinta li l-aggravju dwar il-mertu jimmerita li jiġi mistħarreġ minn din il-Qorti ta' reviżjoni.

Għal dawn il-motivi tilqa' t-talba tal-attur biex jiġi ammess għall-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament. Spejjeż ta' din id-deċiżjoni a karigu tal-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm